ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tat-373 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**it-Tlieta, 3 ta' Awwissu, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sinjuri Robert Buhagiar u Frans Catania kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-372 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Pisani nforma lill-Kunsill li l-ispiża biex tittella` l-attivita` Kummerċ Ġust kienet ta' €150 u mhux ta' €250. Is-Sur Pisani jirringrazzja lill-*band* mużikali li pparteċipat mingħajr ħlas f'din l-attivita`.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv qara korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) rigward *Memo* 45/2010 dwar Public Private Partnership fuq Toroq. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni skond *Memo* 45/2010 ġiet milqugħa. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment qed jiggarantixxi li hekk kif jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* jgħaddi lill-Kunsill nofs il-pagament li jrid isir skond il-kuntratt, jiġifieri €78,701.77 (nofs l-40% tal-valur kollu stmat tax-xogħol). Wara l-ewwel sena minn meta jitlesta x-xogħol *ta' resurfacing*, l-Kunsill jieħu mingħand

id-Dipartiment nofs il-pagament li jrid isir jiġifieri €39,350.80 (nofs l-20% tal-valur kollu stmat tax-xogħol). Is-Sindku qal li l-Kunsill kien kiteb lid-Direttur Ġenerali, Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika sabiex jingħata kjarifika dwar xi punti ta' kif ser titħaddem is-sistema ta' finanzjament taħt din l-iskema. Il-Kunsill issa jistenna risposta minħabba l-fatt li ġie mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex joħroġ *it-tender* għal dan ix-xogħol sa mhux aktar tard mis-27 ta' Awwissu, 2010.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Eschborn fejn il-Kunsill ġie offrut li jingħata *fire engine*. Is-Sindku ppropona li niktbu lid-Dipartiment tal-Protezjoni Ċivili biex naraw jekk humiex interessati li jieħdu din il-*fire engine* u jħallsu l-ispejjez li jista' jkun hemm relatati ma' dazju eċċ. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropeja dwar l-applikazzjoni ta' fondi għall-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ li sar mill-Kunsill f'Malta fis-sena 2009. Il-Kunsill ġie nfurmat li jrid jirrifondi s-somma ta' €1,932. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kiteb lura lill-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropeja biex jikkontesta dan l-ammont u dan għaliex skond il-kuntratt li kien ġie ffirmat bejn il-Kunsill u l-UEPA l-Kunsill kien jonqsu jdaħħal €6,322.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija *Greenpak* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-kumpanija kienet ħejjiet proġett edukattiv għar-residenti dwar l-iskart riċiklabbli li ser isir bieb bieb u li kull resident kien se jingħata borża għas-separazzjoni mingħajr ħlas.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li wara li saru laqgħat tar-Reġjun tan-Nofsinhar u r-Reġjun tax-Xlokk kienu ntlaqgħu n-nominazzjonijiet minn fost il-membri li jiffurmaw iż-żewġ reġjuni separatament. Is-Sur Jesmond Aquilina inħatar Viċi President għar-Reġjun tan-Nofsinhar filwaqt li s-Sur Joe Attard inħatar Viċi President għar-Reġjun tax-Xlokk.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jean Agius dwar miżuri li għandhom jieħdu l-Kunsilli Lokali flimkien mal-Awtoritajiet responsabbli mill-ordni pubblika biex ikun hemm sigurta' fit-toroq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment dwar l-isfidi kbar li pajjizna kellu jilqa' għal krizi ekonomika u finanzjarja li ħalliet impatt dirett fuq oqsma kruċjali bħall-impjiegi, il-kummerċ u l-investiment f'pajjizna. Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat il-kummenti tiegħu sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2010 bl-għan li finalment jitħejja d-dokument tal-Bagit 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar proġett tal-*Youth in Action* li ser isir f'Sorbo San Basile, fil-Provicia ta' Catanzaro, Italja, bejn il-11 u l-20 ta' Settembru, 2010. Il-Kunsill Lokali intalab sabiex jinnomina żewġ persuni żgħażagħ biex jipparteċipaw. Kull Kunsill Lokali ser jigi mitlub iħallas l-ispiża tal-biljetti tal-ajru għal kull parteċipant, fejn 70% tal-ispiza ser tigi rifonduta min-naħa tal-organizzaturi u 30% ser jiġu mħallsa mill-Kunsill Lokali. Skond l-istima li għamlet l-

AKL għal kull parteċipant il-Kunsill Lokali ser jiġi mitlub iħallas madwar €45. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina żewġ żgħażagħ Żabbarin għal dan il-proġett.

Inqrat Memo 106/2010 mibgħuta mid-Direttur Ġenerali, Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar nuqqasijiet mill-Kunsilli Lokali li ġew imqajjma mill-Awdituri Ġenerali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Azzopardi fejn talab għajnuna mill-Kunsill għall-attivita' li ser issir mill-Grupp Żgħażagħ Adolexxenti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li din it-talba ma tistax tiġi milqugħa minħabba tibdil li sar bl-emendi tal-Att dwar Kunsilli Lokali li permess tagħhom tneħħiet kull possibilita' ta' għajnuna ta' dan it-tip li jistgħu jagħtu l-Kunsilli.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar proċess ta' verifikazzjoni tal-ġbir tal-iskart permezz ta' spetturi li se jakkumpanjaw lill-kolletturi waqt il-ġbir matul gimgħa partikolari. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jidħol f'din l-iskema li mhux ser tinvolvi ħlas għall-Kunsill. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Lulju, 2010 u t-3 ta' Awwissu, 2010 li kien jammonta għal €113,759.10. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Lulju 2010 li kien jammonta għal €211.01. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għal perjodu April – Ġunju 2010 flimkien mal-*Financial Indicator Form* għall-istess perjodu. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku.

Inqraw il-minuti tat-tieni laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' uffiċjal inkarigat mil-Librerija (ZLC 4/2007) kien ser jagħlaq fis-26 ta' Settembru, 2010 u billi dan il-kuntratt ma jistax jerġa` jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-

offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Pisani, li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 5/2007) ser jagħlaq fit-8 ta' Ottubru 2010 u billi dan il-kuntratt ukoll ma jistax jerġa` jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Bonnici, li giet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *Works Manager* ( ZBR 3/2007) kien ser jagħlaq fl-1 ta' Novembru 2010. Dan il-Kuntratt ma jistax jerġa` jiġi mġedded u trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 4/2008) kien se jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għall-istampar tal-fuljett Citta' Hompesch (ZLC 5/2008) kien se jagħlaq fl-20 ta' Novembru, 2010 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt għal sena oħra. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba li saret mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto biex tkompli taħdem ħinijiet ta' xogħol imnaqqsa. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata biex taħdem ħinijiet mnaqqsa tiġi aċċettata.

Is-Sur Keith Pisani tkellem fit-tul dwar ix-xogħol tal-Kunsill li qed dejjem jizdied, semma t-twaqqif tal-Kumitat Amministrattiv St Peters u l-fatt illi l-Kunsill qed jagħti servizz tiegħu anke nhar ta' Sibt. Is-Sur Pisani ppropona li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jimpjega Assistent Amministrattiv biex ikun jistgħa jgħin fix-xogħol tal-Kunsill. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li tintalab l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni proposta mis-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sindku, li tipproponi li l-Kunsill jaddotta *policy* li fejn ikun possibbli jixtri prodotti li jkunu ġew prodotti b'mod ġust (kummerċ ġust). Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

Fit-8.40 ta' filgħaxija s-Sur Buttigeg talab li jkun skużat.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li titnaddaf Triq il-Kunvent ma’ Triq Santa Tereza peress li kien intefa’ skart goff. Is-Sinjura Calleja talbet ukoll biex titwaħħal tabella biex ma’ jintramiex żibel f’dan il-post.

Fit-8.45 ta’ filgħaxija s-Sinjura Calleja talbet li tkun skużata.

Is-Sur Pace semma l-bżonn li ssir *road hump* fi Triq Tumas Dingli.

Is-Sur Pace qal li s-Sinjura Joan Barbara xtaqet tagħmel esibizzjoni ta’ ritratti ta’ qabel il-gwerra fis-Sala tal-Kunsill.

Is-Sur Pace semma l-bżonn li jsir tindif u jinqata’ l-ħaxix fi Trejqet Wied ta’ Mazza, titnaddaf Triq Alessio Erardi quddiem l-kwartieri tal-*iscouts* u titnaddaf Triq il-President Agatha Barbara.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jsir *patching* fil-parti ta’ ġewwa ta’ Triq il-Kapuċċini.

Is-Sindku talab li jitwaħħlu żewġ tabelli ta’ *Cul-de-Sac* fi Triq il-Kapuċċini u fi Triq Berebies.

Is-Sur Grech talab li l-Kunsill jikteb lil *Transport Malta* u jitlob li jitnaddfu l-*culverts* fi Triq l-10 ta’ Settembru, 1797.

Is-Sur Grech talab biex il-Kunsill jikteb lil *Transport Malta* biex titwaħħal tabella ta’ *no parking for heavy vehicles* fi Sqaq Fwieni.

Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill jitlob li ssir laqgħa mal-ispettur tal-pulizija tal-lokal.

Is-Sindku talab li l-Kunsill jikteb lil *Transport Malta* biex titwaħħal tabella ta’ *no parking* fi Triq Sant’Antnin ma’ Triq San Ġużepp.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.00 ta’ filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-374 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 25 ta’ Awwissu, 2010.

Domenic Agius
Sindku